# IS-SENTIMENT RELIĠJUS FIL-KLIEM U FIL-GĦIDUD MALTI

**MIRJA :—**

2. FUQ L-ISEM T'ALLA. *(jorbot ma' l-Għadd ta' qabel)*

Fil-għidud malti maħdum fuq sentiment reliġjus, l-isem imqaddes t'Alla jiġi ewlieni. Kull fejn tidħol xi tqanqila tal-qalb irżina—ngħidu aħna xewqa tajba, biża ta' xi deni, tama ta' xi ġid, ħeġġa ta' għinuna, għaġeb ta' ġmiel, ħrara ta' xogħol, ħniena minn ħaddieħor, qalb lilna nfusna, ħerqa tal-ħelsien minn xi għawġ—l-isem t'Alla jiġi waħdu fuq fomm kull Malti, sewwa mita jitkellem, u sewwa meta jikteb. Araw:

1. "*J'Alla*"—Meta xiħadd ifisser ruħu magħna fuq xi tama ta' ġid li għandu jaqa' fuqu, u aħna nixtiqulu minn qalbna li t-tama tiegħu isseħħ, jgħidilna : "J'Alla."

   B'dan il-għidud ninqdew ukoll, meta rridu, f'xi biċċa xogħol iebsa, nagħmlu l-qalb lil-xulxin u nimxu annuna, flimkien. Nisimgħuh ta' kulljum mill-fomm tal-ħaddiema, meta tnejn, tlieta jew iżjed flimkien ikunu jridu jħarrku jew jerfgħu xi ħaġa tqila, u jħossu li dak ix-xogħol jista' jsir biss, jekk is-saħħa ta' kull wieħed minnhom tkun imsieħba ma' tal-oħrajn : "J'Alla, l-aħwa !"

2. "*M'n Alla !*"—Biex infissru illi xi ħaġa li saret, saret għall-ġid tagħna, għalkemm ma konniex ħsibniha hekk, ngħidu "m'n Alla!". Tismagħha kull fejn tmur: "M'n Alla, ma rkibtx ma' dak ix-xarabank, għax kont inkorri." "M'n Alla ma xrobtux dak il-ħalib !"

3. "*Għal Alla !*"—Jekk xi wieħed iwaġġagħ għal-għar-rieda, imma ħafif li ma jintilefx, tisimgħu jgħid minn qalbu : "Għal Alla ! x'daqqa ħadt."

   Ngħiduha wkoll meta demmna jatina li nagħmlu ħsara lil xi ħadd u nżommu jdejna : "Għal Alla, ma ntikx daqqa ta' ħarta' !"

4. '*Kk Alla jrid!*'—Meta rridu nfissru li fi ħsiebna nagħmlu xi ħaġa li tkun tiswielna, jew nixtiequ li ssir xi ħaġa li tgħodd għalina, dejjem aħna l-Maltin nitfgħu quddiem il-għidud "'Kk Alla jrid." "'Kk Alla jrid, dalwaqt tfieq !" ngħidu lill-marid. "'Kk Alla jrid, niġi narak ma ndumx !" ngħidu lil wieħed li jixtieq xi żjara tagħna.

5. "*Minn fommok għal Alla!*"—jgħidu l-Maltin meta xi ħadd jixtieqilhom xi ġid li huma jixtiequ wkoll, imma li ftit għandhom tama li jaqilgħu. Mara li għandha t-tifel magħdur u tibża' li jmutilha, jekk tersaq mara oħra u tgħidilha fuq li ġarrbet hi li t-tifel ifieq u ma jkollu xejn, dlonk tweġibha "Minn fommok għal Alla!"
6. "*Alla jwassalkhom bis-sliema*"—tismagħha fil-bibien taddjar kollha maltin, meta xi qraba, xi ħbieb jew xi ġirien ikunu sejrin jitilqu bir-rkib għal x'imkien daqsxejn filbogħod.
7. "*F'ġieħ Alla!*" ngħidu meta minn qalbna nitolbu lil xiħadd li jagħmel xi ħaġa għalina, jew li ma jagħmelx dak li jkun sejjer jagħmel. "Isma minni, ibni, f'ġieħ Alla" jgħidu l-ommijiet lil uliedhom xi ftit imqarbin." Inkella: "F'ġieħ Alla! tagħmillix minn dawn il-psapar!"
8. "*Alla jbierek*" inkella "*mbierek Alla*!" toħroġiina kull meta naraw ħaġa ta' ġmiel barrani; "Alla jbierek! xi ġmiel ta' tifel!" "Imbierek Alla! x'tempju!"
9. "*Alla jħares!*"—B'dan il-għidud, li joħroġ minn fommna mijiet ta' drabi kulljum, irridu nfissru l-biża' li għandna li tista' tiġri xi ħaġa li ma togħġobniex, u x-xewqa li għandna li dik il-ħaġa ma sseħħx. "Alla jħares tagħmel ix-xita, għax ma nafx kif irridu naslu d-dar"—"Alla jħares tagħlaq dik il-frabika, għax ħafna nies jisfaw bla xogħol."
10. "*F'ħajjet Alla!*" hu għidud li bih nifirħu b'xi ġid li jiġi lilna jew lil għajrna:

"F'ħajjet Alla! arġajt fi ħdanek
Art xemxija fejn twelidt..."

Hekk beda għanja lil art twelidu wieħed poeta malti: U tisma' sikwit minn fomm xi mara: "F'ħajjet Alla! iżżewġet dik ix-xebba u sabet xorti."

Xi drabi ngħiduha wkoll meta tmiss xi waħda ħażina lil minn iħobb jgħakkes lil ħaddieħor: "F'ħajjet Alla! Ilu jgħakkes lil oħrajn: issa messet lilu!"
11. *Minnek 'l Alla!*" jew "*Minnhom 'l Alla*" nisimgħuhom sikwit meta xiħadd ikun sejjer jitlaq xi ħaġa għażiża minn idejh u ma jafx sewwa x'tista' tkun xortiha. "Jiena bagħatthom lit-tfal; minnhom 'l Alla" tgħid omm li magħha wliedha kienu jbatu u xtaqu jsiefru bit-tama li jsibu xogħol u ħobż.
12. "*Alla miegħek,*" jew "*Il-Bambin miegħek*!" jgħidu l-ommijiet u nisa oħra meta jaraw lil xi tarbija fit-tiġrib:

"Alla miegħek, ibni!" lil xi tfajla li titfixkel u tkun se' taqa'. "Il-Bambin miegħek!" lil xi tarbija meta tixraq jew tatiha s-sogħla.

13. "*Alla ma għamlu!*"—għidud illi fih in-nifsu ma jurix qima kbira lejn l-isem t'Alla, iżda li aktarx jingħad mingħajr ħsieb. Irridu nfissru bih li xi ħaġa għabet minn għandna jew minn quddiemna ħin-bla-waqt, u ma rajnihiex iżjed. "Ġie għamel ix-xirja, ħadli b'kemm jiswa tnax-il-xelin u Alla ma għamlu." Inkella: "Qiegħedt l-ingwanti fuq siġġu ma' ġenbi u kemm dawwart għajnejja, Alla ma għamilhom!"

14. "*Tmur għand Alla*" ngħiduh aktarx biex infissru li wieħed imut b'mewt-id-dnewwa, jew imħabba f'xi żball, u f'qasir żmien: "Kien ġuvni jbiegħ is-saħħa, mibni b'saffejn: xorob xorba sħuna u f'erba' t-ijiem mar għand Alla!

15. "*Alla magħna!*" jew "*Alla jibgħad l-imħabba tiegħu*" hi l-għajta li biha nfissru ruħna meta naraw xi għawġ ġej fuqna, jew aktarx meta nilmħu xi nies li nafu li jiġu b'xi biċċa dwejjaq, jew b'xi biċċa xogħol imwiegħra. "Alla magħna! Ġej hu, għadu anqas sebaħ, u b'wiċċu mberhen."

16. "*Minn sbieħ Alla*"—B'dan il-għidud infissru ruħna meta jidhrilna li xi ħaġa saret kmieni ż-żejjed qabel ma wieħed jobsor li għandha ssir. "Jiġik wara l-bieb minn sbieħ Alla, u ma jinqalax minn hemm qabel ma tgħaddi tiegħu."

17. "*B'Alla ma tidħakx*" hi id-"Deus non irridetur" ta' l-Iskrittura. Meta xiħadd jidħak bina u aħna nintebħu mwaħħar li ma nkunux nistgħu nilqgħulu, bejn biex infakkru lilu li ta' kull ma għamel irid jati kont l'Alla, u bejn biex aħna nitfarrġu fit-tama tal-ħaqq, dlonk ingħidulu: "Bina dħakt, imma b'Alla ma tidħakx." Għidud sabiħ u qawwi fejn is-sentiment reliġjus li Alla jara kollox, jizen kollox u jħallas kollox bil-ħaqq, jidher bħala emna qadima u fehma sħiħa fil-ġens malti.

18. "*Alla jafulek*" jew "*Alla jħallsek.*" ingħidu meta jaslilna xi ġid minn għand ħaddieħor u ma nkunux nistgħu inħallsuh jew impattuhulu: "Alla jħallsek ta' kemm għamilt ma' ibni" tisma' tgħidlek xi omm fqira jekk tagħmel xi ġid lil binha. Inkella "Bit-twissijiet tiegħek salvajtli lil binti: Alla jkun jafulek."

**Dun Karm.**

*(Jissokta)*